# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-komunitajiet Insara, speċjalment dawk ippersegwitati, iħossu lil Kristu qrib tagħhom u d-drittijiet tagħhom imħarsa.**

**Ninġabar:**

Insib post fil-kwiet u pożizzjoni komda u nidħol fil-preżenza ta' Alla. Nirringrazzjah li qed ngħix f'komunità fejn nista' nipprattika t-twemmin tiegħi mingħajr wisq biża' ta' persekuzzjoni.

**Fatt ċkejken:**



Mojtaba Hosseini, raġel ta' 30 sena, kien wieħed mill-mexxejja tal-moviment tal-"Knisja ta' taħt l-art", mistura fid-djar tal-Iran. Il-moviment kiber u xtered ħafna f'qasir żmien. Darba sar attakk fuq il-knisja u Mojtaba ġie arrestat u weħel tliet snin ħabs. Waqt li kien qed jiskonta s-sentenza, beda jitlob u jfittex l-għajnuna t'Alla. F'intervista wara li ħareġ mill-ħabs, Mojtaba qal li meta kien il-ħabs hu ma kienx iħossu waħdu; kien iħoss li Alla kien miegħu. Hu żied jgħid: "Alla reġa' kellimni u qalli: "Wasal iż-żmien li twassalni għand l-oħrajn. Huma għandhom bżonni." Għalhekk beda jaqra l-Evanġelu ta' Ġesù lil sħabu l-ħabsin. Kien hemm min aċċetta l-Kelma t'Alla, filwaqt li oħrajn ħassew s-serħan fit-talb. Mojtaba xtaq li jkollu Bibbja u staqsa kemm-il darba lill-gwardjani biex jiddubbawlu waħda. Imbagħad daħlet l-id ta' Alla, li bdiet taħdem permezz ta' xi ħadd li ħadd ma kien jistennieha minnu – l-Imam tal-ħabs - li kien jiġi jitlob kuljum mal-ħabsin Musulmani. Mojtaba jirrakonta: " Hu kien impressjonat bil-fedeltà tagħna lejn Alla tagħna. Naħseb li kien propju Alla li mela l-qalb tal-Imam bil-ħniena kbira li wera magħna." Għalhekk, l-Imam offrielu li jibda jdaħħallu bil-moħbi xi kopji tal-Bibbja bl-Ingliż taparsi kienu noti tal-lingwa biex jużawhom waqt il-lezzjonijiet tal-Ingliż. Wieħed mill-ħabsin, li kien ħabib ta' Mojtaba, kien jaqleb l-Iskrittura bil-Farsi, il-lingwa mitkellma fl-Iran. Malajr inxterdet l-aħbar fil-ħabs li Mojtaba kien qed iqassam il-versi tal-Evanġelu. Mojtaba qal li hu kien tgħallem li hu seta' jaqdi lil Alla kull fejn kien iqiegħdu.

**Naħseb ftit:**

L-istorja ta' Mojtaba tfakkarni li Alla, ħafna drabi, jinqeda bit-tbatija ta' min qed jiġi ppersegwitat biex iressaq lil oħrajn lejh. X'sinifikat nagħti lit-tbatija fid-dawl ta' din l-istorja? Nimmaġina li jien kont flok l-Imam. X'jolqotni l-iktar f'din l-istorja ta' Mojtaba?

**Nitlob:**

Mulej, inti tinqeda b'modi mhux mistennija biex turi imħabbtek lejn dawk l-Insara ppersegwitati u li qed ibatu fis-silenzju. Nitolbok Mulej sabiex jiena wkoll inħoss l-preżenza tiegħek, u li nagħraf it-triqat tiegħek u naċċetta li nimxi fuqhom b'qalb miftuħa għalik.

**Kliem ta' dawl:**

Li bniedem iżomm sod fit-triq li jkun għażel ma jfissirx li hemm bżonn jipprova li t-triq ta' ħaddieħor hija żbaljata. *Paulo Coelho (Warrior of the Light)*

**X'nista' nagħmel:**

Ma nibżax nitkellem u nuri l-ideat Insara tiegħi fil-miftuħ permezz tal-midja soċjali jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni. Nuri l-impenn tiegħi bħala Nisrani filwaqt li dejjem nirrispetta t-twemmin tal-oħrajn bħalma għamel Mojtaba.